AE 19/2024

# SINTESI
# TAL-ITTRA PASTORALI
# RANDAN 2024

# ĦAMES BARKIET
# GĦALL-PAJJIŻNA

**MILL-E.T. MONS. ANTON TEUMA**
**ISQOF TA' GĦAWDEX**

Is-sena, pajjiżna jiċċelebra 60 sena Indipendenti u 50 sena Repubblika. Fl-innu Malti, aħna l-Maltin u l-Għawdxin nitolbu 5 doni: id-dehen, il-ħniena, is-saħħa, l-għaqda, u s-sliem.

**L-ewwel don hu d-dehen**, il-kapaċità li wieħed jifhem, jagħraf u jiddeċiedi li jagħżel it-tajjeb mill-ħażin. Fis-salm se nitolbu: "*Triqatek, Mulej, għarrafni. Il-mogħdijiet tiegħek għallimni, mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni*" (Salm 25:4-5). L-għaqal u l-għerf iwassluna biex nieħdu deċiżjonijiet li jmorru lil hinn mill-interessi personali, deċiżjonijiet li jinkludu lil kulħadd, inkluż lil dawk li ġejjin warajna. Hekk, mexxejja u ċittadini inħarsu tassew is-sostenibilità u l-inklużjoni.

**It-tieni don hu l-ħniena**, li jagħmilna nixbhu tassew lil Alla. Kif ifisser San Pawl: "*Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu - bi grazzja intom salvi*" (Ef 2:4-5). L-imħabba tagħna trid tkun imħabba ta' mogħdrija li tgħin fil-mument ta' bżonn, qalb dejjem tħabbat għall-proxxmu. Minflok niġġudikaw jew inkissru persuni oħra minn wara screen, nagħżlu li f'kull persuna naraw dik l-umanità komuni li tagħmilna tassew aħwa. F'dan iż-żmien tar-Randan tajjeb li bħala Nsara nagħmlu l-esperjenza sabiħa tal-ħniena ta' Alla billi nersqu għas-Sagrament tal-Qrar, fejn niltaqgħu mal-għajn tal-ħniena.

**It-tielet don hu dak tas-saħħa**. Nitolbu s-saħħa fiżika u s-saħħa mentali, kif ukoll is-saħħa spiritwali. Il-kelma '*salvazzjoni*' hi propju l-istedina biex aħna ngħixu s-saħħa b'mod sħiħ. F'dan ir-Randan u f'dan l-Għid Imqaddes, Ġesù ġej fostna bħala t-Tabib tar-Ruħ. Hemm bżonn naċċettaw li għandna bżonn dan it-tabib. Matul ir-Randan innaqqsu ftit mill-għaġla ta' kuljum biex nindunaw, bil-kollega li għaddejja minn mument diffiċli; mill-ġar li saħħtu marret lura; u minn dik l-omm li tilfet xogħolha. Li nieqfu, nintebħu, nisimgħu, inkellmu, u nakkumpanjaw lil xi ħadd li qed ibati tista' tassew tkun l-ikbar karità għal dan iż-żmien tar-Randan.

**Ir-raba' don hu l-għaqda**, li ġejja mill-fatt li nistmaw lil xulxin u niddeċiedu li naħdmu flimkien u niġbdu ħabel wieħed, minkejja li xi drabi ma naqblux f'kollox. Tajjeb nitolbu għad-don tal-għaqda fil-koppji tagħna, fil-familji, fil-parroċċi, u fil-Knisja. Imma nitolbu wkoll għall-għaqda fil-pajjiż tagħna li din is-sena qiegħed jiċċelebra 60 sena indipendenti u 50 sena repubblika. Biex nimxu 'l quddiem bħala soċjetà, għandna l-urġenza niskopru mill-ġdid l-arti tad-djalogu rispettuż. Hekk kif il-pajjiż qed iħejji ruħu għall-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali u Ewropej, inħeġġu lil kull min hu involut fil-ħajja pubblika u politika sabiex ma jibżax jagħżel it-triq kuraġġuża tas-smigħ umli u tad-djalogu rispettuż.

**Il-ħames don li nsibu fl-Innu Malti hu dak tas-sliem**. Fl-Għid il-Kbir se niftakru fit-tislima tal-Irxoxt: "*Is-sliem għalikom!*" (Ġw 20:19). San Ġorġ Preca wkoll kien jisħaq li għandna nilqgħu lil xulxin b'din it-tislima. Iżda l-paċi ma tiġix mill-kliem jew mill-fomm biss, imma mill-qalb. Ma tistax tagħti l-paċi lil ħaddieħor jekk f'qalbek m'għandekx paċi. Il-paċi, tibqa' dejjem don tal-Mulej. Għandna bżonn il-paċi fid-dinja, bejnietna, fil-familji tagħna u f'qalbna. Tista' tkun l-ikbar sinjur tad-dinja imma jekk f'qalbek ma għandekx il-paċi, inti bniedem fqir.

Illum faċli naqtgħu qalbna quddiem il-ħafna kunflitti li għaddejjin fl-Art Imqaddsa, fl-Ukrajna, fis-Sudan u f'postijiet oħra. Madanakollu, aħna lkoll imsejħin inkunu bennejja tal-paċi. Meta ninjoraw il-verità u l-ġustizzja, meta rridu li dejjem ikollna raġun, u meta s-suċċess u l-flus isiru l-idoli tagħna, inkunu qed niżirgħu ż-żerriegħa tal-vjolenza. Iżda meta nersqu lejn Kristu Imsallab u Rxoxt u nidħlu fl-iskola tal-imħabba tal-Mulej, inkunu qed ninfetħu għad-don tal-paċi tiegħu, biex flimkien miegħu nsiru bennejja tal-paċi.

Hekk kif bdejna din il-mixja ta' 40 jum, il-barka tagħna fuqna u fuq pajjiżna, hi dik ta' Ġesù stess: il-paċi magħkom.

*Mogħtija mill-Kurja tal-Isqof, il-Belt Victoria, illum l-Erbgħa, 14 ta' Frar 2024.*

**Mons. Edward Zammit**
Kanċillier

**✠ Anton Teuma**
Isqof ta' Għawdex

ANTONIUS TEUMA
EPISCOPUS GAUDISIENSIS